**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 31 ta' Mejju, 2016

Rikors Guramentat numru : 95/11 AL

**A B C**

**vs**

**D C**
**u b'digriet tat-30 ta' April 2014 l-Avukat Dr Joseph Ellis u l-PL Alison Wadge gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi ta' D C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

(1) Illi l-kontendenti zzewgu fl-20 ta' April 2006, fir-Registru Pubbliku fil-Belt Valletta; kif jindika ic-certifikat anness bhala Dok PS 1, u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;
(2) Illi dan iz-zwieg gie skritt fir-registri tar-Registru Pubbliku bhala Att taz-Zwieg Numru 303 tas-sena 2006;
(3) Illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizjat b'difett serju ta'

diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini ta' l-artikolu 19 (1d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) Illi l-kunsens tal-konvenuta kien ivvizzjat ukoll minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (1f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

(5) Illi minhabba ir-ragunijiet premessi iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-ligi;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fl-20 ta' April 2006 huwa null u bla effett fil-ligi ai termini ta' l-artikolu 19 (1d) u 19 (1f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Tordna li dina in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Joseph Ellis u il-PL Alison Wadge, li permezz taghha eccepew :

1. Illi huma, fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-imsemmi D C mhumiex prezentement edotti mill-fatti li taw lok ghal dina il-kawza u ghaldaqstant, jirriservaw illi jdahhlu eccezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem;
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Joseph Ellis u il-PL Alison Wadge;

Semghet lix-xhieda illi tressqu ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici ;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba biex iz-zwieg bejn il-partijiet datat 20 t'April 2006 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi. Skond ir-rikors guramentat intavolat fit-23 ta' Marzu 2011, jidher li l-attrici qeghda tibbaza t-talba taghha *ai termini* ta' l-Artikolu 19(1)(d) u l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-konvenut huwa mill-Montenegro, u jinsab assenti minn Malta u ghalhekk kellhom jigu appuntati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-imsemmi assenti u permezz ta' risposta intavolata fil-11 ta' Marzu 2015, huma iddikaraw li ma humiex edotti mill-fatti u ghalhekk irrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

**Verzjoni attrici**

L-attrici xehdet permezz ta' affidavit[1] u tghid li ltaqghet mal-konvenut f'tas-Sliema fejn kienet tahdem bhala *cleaner*. Dan kien f'Ottubru ta' l-2005 meta qabad u mar fuqha l-konvenut u staqsiha kenitx Maltija, hi kienet sejra lejn id-dar u hu baqa' miexi ghal warajha sad-dar. Waqt il-mixja, beda jistaqsiha ghandhiex flus fil-bank u qalilha wkoll li mhux se tibqa' wahedha ghax huma kienu se jizzewgu. L-attrici tatu n-numru taghha u ddecidew li jiltaqghu darb' ohra. Tghid li gieli ltaqghu biex jiehdu

[1] Ezebit a fol 42 tal-process

kafe’ flimkien izda kienet dejjem l-attrici li kienet thallas. L-attrici naturalment kienet tistaqsih jekk kienx bi hsiebu jsib xoghol, izda huwa kien jghidilha li ghandu hajja wahda u li xtaq igawdiha. Hi qatt ma ltaqghet mal-familja tal-konvenut izda l-attrici laqqghatu mal-familja taghha u l-familja taghha bdew jippruvaw jifthulha ghajnejha li kienet se tispicca tahdem ghalih hi. Dan peress li l-attrici kienet thallaslu ghal diversi affarijiet, fosthom anke l-kera biex joqghod Malta u meta missierha induna li qed tohrog dawn fil-flejjes, stedinha biex iggib il-konvenut jghix fid-dar tal-genituri taghha. Tghid li l-konvenut kien supperv u ma kienx imur tajjeb ma’ missierha, tant li gieli kien jissakkar fil-kamra tieghu minghajr ma’ jkellem lil hadd. F’April tas-sena 2006, iddecidew li jizzewgu u zzewgu fir-registru, wara kienu raw post li lill-attrici interessaha biex tixtrih, u fil-fatt missier l-attrici hallas erba’ mitt lira kapparra biex ma jintilifx, u kien se jirrangalha biex jaghmel l-ghamara, izda l-konvenut ma riedx ghax ried li jinghata flus flok l-ghamara, u sussegwentement il-partijiet ma xtrawhx il-post. Wara l-attrici sabet post bil-kera, u wara li hallset somma bhala rigal, il-kera dejjem hallsitha hi, u l-konvenut qatt ma hareg sold. Il-konvenut dejjem baqa’ jippersisti li ma jmurx jahdem ghajr ghal xi inkwatri li kien ipengi fit-toroq u dawn il-ftit flus li kien jaqla, dejjem kien izommhom hu. Filghodu kien joqghod id-dar jara t-televizjoni u l-kontijiet kienet thallashom dejjem l-attrici u l-konvenut kien jiekol milli tixtri hi. Apparti minn hekk, l-attrici tghid li l-konvenut kien gieli jaghmel perjodi ta’ zmien ma jkellimhiex oltre li meta kienet tirritorna d-dar, ma ssibux u meta ccempillu kien jirrabja maghha, huwa kien jghidilha wkoll li kien iddejjaq f’Malta. L-attrici tghid li gieli ghamel anke erba’ xhur assenti minghajr ma jghidilha, imma kienet issir taf li siefer mit-telefonati li kienet tircievi minghandu, u tant hu hekk li darba missier l-attrici sahanistra irrapporta li l-konvenut kien *missing*, izda sabu li kien mar Sqallija. L-attrici tghid li r-relazzjonijiet intimi ta’ bejniethom saru biss qabel iz-zwieg u mhux waqt iz-zwieg, tant li meta kienet tersaq lejh matul iz-zwieg, huwa kien jghidilha biex ma

tmissux, ghaliex kien ihossu li xjah. Ghalkemm il-partijiet tkellmu li xtaqu t-tfal qabel iz-zwieg, l-attrici ma tafx kemm hu minnu li l-konvenut xtaq it-tfal u dan peress li wara z-zwieg qatt ma ippruvaw ghat-tfal, u kienet tara wkoll li ladarba l-konvenut jibqa' bla xoghol, ma setghux irabbu tfal. Sadanittant hu baqa' jitlobha l-flus u hi kienet taghtih ghaliex meta kien isiefer, kien jigi lura b'xejn. Meta darba irrifjutat li taghtih il-flus, il-konvenut refa' jdejh u ta lill-attrici daqqa go wiccha. Biex tikkonkludi, l-attrici tghid li f'Marzu ta' erba' snin ilu l-konvenut kien telaq mid-dar matrimonjali u ma tafx izjed fejn mar, il-konvenut qalilha li sejjer lura pajjizu u jibqa' hemm, minn dak in-nhar sallum ma ratux izjed.

**<u>Verzjoni Konvenut</u>**

Illi l-konvenut ma xehedx f'dawn il-proceduri peress li jinsab assenti minn Malta.

**<u>Provi ohra</u>**

Xehed Vincent B[2], li jigi missier l-attrici, li jikkorrobra dak kollu li qalet l-attrici fl-affidavit taghha, izda jzid li bintu hi ta' karattru dghajjef, tant li ma tmurx f'postijiet wahedha, dejjem tkun trid lilu jew lil ommha u ma tafx titkellem ghaliha nnifisha, tant li jekk persuna tkellimha, gieli lanqas tirrispondi. Hu qal ukoll li l-karattru tal-konvenut ma kienx joghgbu u kien jghid lill-attrici dwar dan ghaliex kien ihoss li l-konvenut kien qieghed jipprova jiehu vantagg minn bintu. Jghid ukoll li meta l-partijiet izzewgu, dan kien zwieg semplici hafna, tant li lanqas familjari ma kien hemm mistednin. Jzid ukoll li kien jinnota li l-konvenut kien jahtaf lill-attrici meta kienet tkellmu, u kien jizola ruhhu u dejjem joqghod id-dar wahdu minghajr ma jaghti wicc lil hadd. Huwa jghid li meta l-konvenut telaq minn Malta, ha r-ruh u ha pjacir.

---

[2] Ara affidavit ezebit a fol 45 tal-process

Xehdet ukoll Grace B[3] li tigi omm l-attrici, li tikkonferma dak kollu li qal ix-xhud l-iehor, ir-ragel taghha Vince B u bintha l-attrici. Terga' ttenni li bintha l-attrici ghandha karattru dghajjef, pero' zzid li dejjem hasbet li l-attrici kienet ser taghmel zball meta iddecidiet li tizzewweg lill-konvenut, apparti wkoll li kienet tinnota li l-konvenut kien jinsisti hafna ma' l-attrici biex tizzewgu.

Xehdet ukoll Bernice Borg[4] li tigi oht l-attrici. Ix-xhud hija tlett snin ikbar mill-attrici. Hi tghid li ltaqghet mal-konvenut madwar ghaxar snin ilu u kienet tinnota li hu bniedem ghazzien u ma jhobbx jahdem. Meta saret taf li l-partijiet ha jizzewgu ma kenitx kuntenta u dan peress li l-attrici ghandha karattru dghajjef u kienet ta' spiss tipprova tiftah ghajnejn l-attrici biex ma taghmilx dan il-pass. Ix-xhud thoss li z-zwieg ta' l-attrici kien wiehed prematur.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar l-20 ta' April 2006 u dan kif jirrizutla minn kopja tac-certifikat taz-zwieg ezebit a fol 3 tal-process.

Il-Qorti issa ser tghaddi biex tezamina t-talbiet ta' l-attrici abbazi ta' l-Artikoli 19 (1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta u abbazi ta' l-Artikoli 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta jghid li z-zwieg jista' jigi dikjarat null kemm il-darba, "*il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha*

[3] Ara affidavit ezebit a fol 48 tal-process
[4] Ara affidavit ezebit a fol 50 tal-process

*impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;"*

Illi dwar l-Artikolu 19(d), u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew minhabba li l-partijiet kellhom anomalija psikologika serja, kienu inkapaci illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, din il-qorti thoss li mill-affidavit ta' l-attrici u l-familjari taghha, li huma l-unika prova ezebita, jirrizulta bl-aktar mod car li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg b'mod mghaggel, minghajr ma verament kienu jafu lil xulxin, b'mod in partikolari jirrizulta li l-intenzjoni tal-konvenut kienet li jsib lil xi hadd lest, jew vulnerabbli bizzejjed biex jipprovdilu l-flus u jmantnih. L-attrici irnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi li l-konvenut ma dahalx ghaz-zwieg biex jidhol ghad-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga. Il-fatt li l-attrici hija persuna dghajfa u m'ghandiex karattru qawwi bizzejjed biex tghid le ghal certi affarijiet huwa fatt inkontestat, madanakollu, l-attrici ghamlet dak kollu possibbli bhala mara mizzewga biex tghix hajja mizzewga kif jixraq. Il-fatt ukoll li l-konvenut, wara z-zwieg ma riedx relazzjoni intima ma' martu l-attrici, juri bic-car li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligjiet ta' Malta.

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet *Atkins Charles Vs Atkins Matilde*[5] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi ippruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

---

[5] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

“*Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom*”*.*

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet *Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph*[6] *: “Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga”.*

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-qorti thoss li fil-mument tal-kunsens, il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat. Dan primarjment ghaliex il-konvenut dahal fiz-zwieg biex l-attrici sservi bhala bank ghalih, tant, li hu fatt inkontestat li hi kienet

[6] Deciza nhar id-29 ta’ Mejju 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

tmur tahdem u tipprovdi ghalih, dan jirrizulta anke mill-ewwel domanda li ghamlilha il-konvenut fil-mument meta l-partijiet iltaqghu, u cioe' staqsiha jekk kellhiex flus fil-bank. Dan juri bic-car li l-kunsens tal-konvenut kien wiehed nieqes mid-diskrezzjoni mehtiega biex wiehed jifhem x'inhuma d-drittiet u d-dmirijiet taz-zwieg.

Illi l-Artikolu 19(1)(f) jghid li zwieg jista' jigi dikjarat null, *"jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;"*

Issa ghalhekk  l-Qorti ser tezamina jekk iz-zwieg in dizamina huwiex null ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Biex tigi milqugha talba ghal dikjarazzzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid necessarjament jigi ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. Hawnhekk il-Qorti ser taghmel referenza ghal gurisprudenza varja. Fl-ewwel lok fil-kaz *Atkins Charles vs Atkins Matilde deciza nhar it-2 t'Ottubru 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili,* l-Qorti qalet hekk :

*"Rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu".*

Fl-istess kaz, il-Qorti zzid tghid hekk :

*“Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta’ l-ulied, jew l-eskluzjoni ta’ l-obbligu tal-fedelta’ lejn il-parti l-ohra.”*

Hawnhekk il-Qorti qeghda wkoll taghmel referenza ghall-kawza *AB vs CB deciza fil-31 ta’ Ottubru 2007 (Rik Nru:13/2006)* fejn fuq bazi ta’ fatti simili ghall-kaz in dizamina, din il-Qorti kif preseduta kienet sabet  li z-zwieg bejn il-partijiet kien null ai termini ta’ l-Artikoli 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Hawnhekk il-Qorti qalet li ladarba l-konvenut ma kellux intenzjoni li jikkonvivi,  kien qieghed jeskludi element essenzjali tal-hajja mizzewga,

*“Mill-provi jirrizulta car li huwa qatt ma kellu l-intenzjoni li jikkonvivi ma’ l-attrici f’unjoni permanenti, irrevokabbli u esklussiva bazata fuq il-konvivenza diretta bejn il-ben essere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal… Anke l-fatt per se li xahar wara z-zwieg huwa mar il-Yugoslavia wahdu, kontra r-rieda espressa ta’ l-attrici, fejn dam tlett gimghat mal-familjari tieghu u tahom il-flus li kienu ghar-rigali tat-tieg; dan il-fatt huwa indikattiv tan-nuqas ta’ rispett u mhabba da parti tal-konvenut lejn martu”.*

Illi minn ezami tal-provi, ma hemm l-ebda dubju f’mohh il-Qorti, li ghalkemm il-konvenut ghadda mic-ceremonja taz-zwieg, huwa internament u b’att posittiv tar-rieda tieghu, eskluda l-obbligazzjonijiet essenzjali ghall-hajja mizzewga. Jirrizulta car li huwa qatt ma kellu l-intenzjoni li jghix ma’ l-attrici f’unjoni permanenti, irrevokabbli u esklussiva bazata fuq konvivenza diretta lejn il-*ben essere* reciproku. Oltre dan, il-konvenut eskluda kompletament il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal, ladarba ma riedx ikollu x’jaqsam  ma’ martu wara z-zwieg, tant li kien jghidilha biex ma tmissux.

Il-Qorti thoss li l-konvenut ma tax l-importanza li jisthoqq lill-konvivenza matrimonjali. Dan peress li jirrizulta li l-konvenut, waqt iz-zwieg, kien ihalli lill-attrici ghal perjodi twal ta' zmien wahedha, anke ghal Sajf shih, u hi ma kenitx tkun taf fejn ikun salv meta kien jcemplilha. Erba' snin ilu il-konvenut qabad u telaq minn Malta u dan ukoll juri li l-konvenut kien qed jeskludi z-zwieg inniffsu. Ma hemmx zwieg minghajr konvivenza u ghalhekk ma kienx hemm cans li z-zwieg jibda jsehh, ladarba l-konvenut kien jitlaq lill-attrici wahedha ghal zmien twil sakemm fl-ahhar telaq ghal kollox.

Min-naha l-ohra, lanqas ma jirrizulta li l-konvenut ghamel xi haga biex jipprova jirranga din is-sitwazzjoni, anzi z-zwieg kompla jaggrava sforz ta' l-intransigenza tieghu li ma jahdimx ghaliex ried igawdi l-hajja.

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li dan iz-zwieg huwa null ai termini ta' l-Artikoli 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta peress li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirjiet essenzjali taghha u kif ukoll il-konvenut eskluda wahda jew aktar mill-elementi essenzjali ghall-hajja mizzewga u ghalhekk it-talba ta' l-attrici jisthoqqilha li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet ta' l-attrici u tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fl-20 ta' April 2006 u registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru t'iskrizzjoni 303/2006 bhala null u bla effett fil-ligi *ai termini* ta' l-Artikolu 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta u sussegwentement tawtorizza lill-attrici

tirregistra fir-Registru Pubbliku din is-sentenza wara li ssir *res judicata*.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, b'dan illi, provvizorjament, l-attrici ghandha thallas l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-kuraturi deputati.

Dr. Abigail Lofaro
Imhallef

Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur.